TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 53/15/GB

**Alfred Borg**

**vs**

**Frank Borda Limited**

Illum 14 ta' Ottubru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Marzu, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' tliet elef u hames mitt Ewro (€3,500.00) bhala kumpens ghal 'units' li ntilfu maz-zmien, minhabba pannelli fotovoltajici li nxtraw u gew installati mis-socjeta' ntimata, liema pannelli ma kienux qed jiġġeneraw l-'average' tat-tmien (8) 'units' pattwiti kuljum.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa ghamel il-pannelli fotovoltajici fit-22 ta' Mejju 2012 u suppost li bdew jahdmu u jipproduċu madwar tmien (8) units kuljum.

Fil-21 ta' Frar 2014, ir-rikorrent irċieva ittra mill-MRA li dawn mhux qed jipproduċu dak li suppost. Minn dakinhar, ir-rikorrent ikkuntattja lis-socjeta' ntimata. Wara hafna żmien, is-socjeta' ntimata biddlet l-'inverters', pero' sal-gurnata ta' llum, u cioe' l-4 ta' Marzu 2015, ghadhom m'humiex qed jiġġeneraw dak li suppost jiġġeneraw.

Ir-rikorrent qed jitlob li titranġa l-problema halli s-sistema tibda tahdem kif suppost, kif ukoll kumpens ta' dak li tilef minn meta twahhlet is-sistema fit-22 ta' Mejju 2012 sakemm tibda *tahdem kif suppost.*

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn żied jistqarr li twahhlu pannelli li xtara minghand is-socjeta' ntimata, pero' l-konsum imwieghed qatt ma hadu. Dan kien suppost ta' 'average 8 units', pero' kien qed jiehu biss 6 'units'. L-MRA kienu kitbulu ittra fejn qalulu li l-pannelli ma kienux qed jahdmu sew. Zied jghid, li sa llum, is-socjeta' ntimata biddlitlu żewġ 'inverters' u żewġ pannelli u rranġaw hafna affarijiet, pero' l-ammont tal-arretrati ta' units li ma hax ghadhom ma thallsux lilu. It-talba infethet fuq arretrati. Effettivament sa llum, ghandu jiehu disgha mija hamsa u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centemzi (€955.25). Stqarr illi huwa talab il-massimu ta' tliet elef u hames mitt Ewro (€3,500.00) sabiex ikun kopert meta l-kaz finalment jinqata'.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kienitx ippreżentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghat kontumaci. Illi ghalhekk, it-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ta' dak li ssottometta Frank Borda, bhala rapprezentant tas-socjeta' ntimata, meta attenda ghall-udjenza tad-9 ta' Settembru 2015, billi tali sottomissjonijiet huma ta' natura fattwali u li kieku kellhom jigu ammessi, it-Tribunal ikun qed jammetti provi minn intimat kontumaci – haga li ma jistax jaghmel.

It-Tribunal jinnota illi fl-udjenza li nżammet fil-15 ta' April 2015, is-socjeta' ntimata kienet talbet li l-kaz jiġi differit sabiex tirregola ruhha dwar l-ammont ta' kumpens li kienet lesta li thallas lir-rikorrent; u fl-udjenzi li nżammu fl-20 ta' Mejju 2015 u l-17 ta' Gunju 2015, il-partijiet kienu qablu u ftehemu li s-socjeta' ntimata kienet ser tbiddel il-pannelli kollha in kwistjoni sa l-ahhar ta' Mejju 2015. Pero', fl-udjenza tad-9 ta' Settembru 2015, minkejja l-fatt li fil-frattemp kienu tbiddlu l-pannelli in kwistjoni, ir-rikorrent informa lit-Tribunal li l-pannelli l-godda ma kienux fi kundizzjoni tajba u xorta wahda ma kienux qed jiġġeneraw it-tmien (8) 'units' kuljum.

It-Tribunal ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma ppreżentat l-ebda risposta bil-miktub ghat-talba in kwistjoni.

Illi fir-rigward tal-kumpens mitlub mir-rikorrent ghall-'units' li allegatament tilef, it-Tribunal josserva li r-rimedji disponibbli f'azzjoni ta' din ix-xorta huma elenkati fl-Artikolu 74, 75 u 76 tal-Kap. 378. *Il-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas tad-danni ma jaqghux fost dawn ir-rimedji.* Ghalhekk, dan it-Tribunal mhux kompetenti *ratione materiae* sabiex iqis tali talba.

Fi kwalsijasi kaz, ir-rikorrent ma pprezenta l-ebda prova tad-danni minnu allegatament subiti. Ir-referenza ghall-ammont li kien ser jiffranka r-rikorrent li kieku l-apparat *de quo* hadem sew li nsibu fin-Nota ta' Sottomissjonijiet, ma tistax titqies bhala prova. Dana kollu qed jinghad ghall-kompletezza billi, kif inghad, dan it-Tribunal mhux kompetenti sabiex iqis tali talba. Madanakollu, sabiex ma jigix pregudikat l-eventwali dritt tar-rikorrent li jressaq din it-talba quddiem il-*forum* kompetenti, dan it-Tribunal ser jillimita ruhu ghal astensjoni milli jqis it-talba ghar-rizarciment tad-danni allegati.

Illi fir-rigward tar-rimedju ghall-problema hekk mitlub mir-rikorrent, it-Tribunal josserva li hekk skond ir-riklam ezebit u anness mat-talba tar-rikorrent, is-sistema in kwistjoni kellha tiġġenera *"averagae 8 units per day"*, pero' mill-provi rrizulta illi nonostante l-fatt li l-pannelli kienu tbiddlu mis-socjeta' ntimata fil-mori ta' din il-kawza, tali pannelli xorta wahda mhux qed jiġġeneraw it-tmien (8) 'units' kuljum. Illi ghalhekk, ir-rimedju moghti mis-socjeta' ntimata fil-mori tal-kawza m'huwiex adegwat, u dan ifisser illi xorta hemm lok li l-pannelli in kwistjoni jiġu sostitwiti. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jordna lis-socjeta' ntimata tissostitwixxi l-pannelli in kwistjoni, f'terminu ta' xahrejn mil-lum, bi pannelli ġodda li jaghtu tmien (8) 'units' kuljum, b'dana illi r-rikorrent jibqa' mpregudikat mid-drittijiet tieghu ghall-eventwali inadempiment. Bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

Illi, it-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna wkoll lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00) lir-rikorrent, bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**